

17.10.2012

A7-0313/39

Emenda 39

Marta Andreasen

fisem il-Grupp EFD

Rapport

Reimer Böge, Ivailo Kalfin

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020

COM(2011)0398 – 2011/0177(APP)

A7-0313/2012

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1. Hu għalkollox konxju li n-negozjati dwar il-QFP għall-2014-2020 qed iseħħu f'kundest soċjali, ekonomiku u finanzjarju diffiċli ferm, fejn l-Istati Membri qed iwettqu sforzi konsiderevoli biex ***jagħmlu aġġustamenti fiskali għall-baġits*** nazzjonali tagħhom, ***bil-ħsieb sabiex il-finanzi pubbliċi jkunu sostenibbli u s-settur bankarju u l-munita unika jkunu stabbli***; jinsisti li l-Unjoni ***m'għandhiex tidher li qed iżżid*** piż fiskali żejjed fuq il-kontribwenti; ***jinsab madankollu konvint li l-baġit tal-UE hu parti mis-soluzzjoni biex l-Ewropa tkun tista' toħroġ mill-kriżi attwali billi jippromwovi investimenti fit-tkabbir u fl-impjiegi u jgħin lill-Istati Membri jaffrontaw, b'mod kollettiv u magħqud u fuq bażi sostenibbli, l-isfidi strutturali tal-lum, b'mod partikolari t-telf tal-kompetittività, kif ukoll il-qgħad u l-faqar li qed jiżdiedu***;

1. Hu għalkollox konxju li n-negozjati dwar il-QFP għall-2014-2020 qed iseħħu f'kundest soċjali, ekonomiku u finanzjarju diffiċli ferm, fejn l-Istati Membri qed iwettqu sforzi konsiderevoli biex ***jimponu limitazzjonijiet fil-baġits*** nazzjonali tagħhom, ***u*** jinsisti li l-Unjoni ***n'għandhiex iżżid*** piż fiskali żejjed fuq il-kontribwenti;

Or. en

17.10.2012

A7-0313/40

Emenda 40

Marta Andreasen

f'isem il-Grupp EFD

Rapport

Reimer Böge, Ivailo Kalfin

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020

COM(2011)0398 – 2011/0177(APP)

A7-0313/2012

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Ifakkar li l-miżuri kollha għall-istabbilizzazzjoni finanzjarja makroekonomika li ttieħdu mill-2008 s'issa għadhom ma għabux fi tmiem il-kriżi ekonomika u finanzjarja; jemma, għalhekk, li sabiex nerġġhu lura għat-tkabbir u niġġeneraw l-impjiegi fl-Ewropa, ***l-Istati Membri għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom għat-tkabbir sostenibbli, filwaqt li jinħtieġ baġit tal-UE mmirat tajjeb, sod u suffiċjenti bħala għajnunha ulterjuri għall-koordinament u t-tisħiħ tal-isforzi nazzjonali;***

Emenda

6. Ifakkar li l-miżuri kollha għall-istabbilizzazzjoni finanzjarja makroekonomika li ttieħdu mill-2008 s'issa għadhom ma għabux fi tmiem il-kriżi ekonomika u finanzjarja; jemma, għalhekk, li sabiex nerġġhu lura għat-tkabbir u niġġeneraw l-impjiegi fl-Ewropa, jinħtieġ ***tnaqqis fil-baġit tal-UE bil-għan li l-isforzi jiġu kkonċentrati aħjar fil-livell nazzjonali;***

Or. en

17.10.2012

A7-0313/41

Emenda 41

Marta Andreasen

f'isem il-Grupp EFD

Rapport

Reimer Böge, Ivailo Kalfin

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020

COM(2011)0398 – 2011/0177(APP)

A7-0313/2012

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Ifakkar li, skont l-Artikolu 310 tat-TFUE, id-dħul u l-infiq li jidhru fil-baġit tal-UE jridu jkunu bilanċjati u li għalhekk, ***il-baġit ma jistax jiġġenera defiċit u dejn pubbliku;***

Emenda

8. Ifakkar li, skont l-Artikolu 310 tat-TFUE, id-dħul u l-infiq li jidhru fil-baġit tal-UE jridu jkunu bilanċjati u li għalhekk, ***id-dejn iġġenerat mill-baġit jaqa' direttament fuq l-Istati Membri, li bosta minnhom għandhom ħafna dejn;***

Or. en

17.10.2012

A7-0313/42

Emenda 42

Marta Andreasen

f'isem il-Grupp EFD

Rapport

Reimer Böge, Ivailo Kalfin

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020

COM(2011)0398 – 2011/0177(APP)

A7-0313/2012

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9. Jisħaq fuq il-fatt li l-baġit tal-UE primarjament huwa wieħed ta' investment, u li 94 % tar-redditu totali tiegħu jiġi investit fl-Istati Membri nnifishom jew għall-prijoritajiet esterni tal-Unjoni; jenfasisza li, għar-reġjuni u l-Istati Membri, l-investment pubbliku jkollu jiġi mminimizzat jew isir impossibbli mingħajr il-kontribut tal-baġit tal-UE; jemmen li kwalunkwe tnaqqis fil-baġit tal-UE inevitabbilment iżid l-iżbilanċ u jxekkel it-tkabbir u s-saħħa kompetittiva tal-ekonomija kollha tal-Unjoni, kif ukoll il-koeżjoni tagħha, u jdgħajjef il-prinċipju tas-solidarjetà bħala valur ewlieni tal-UE;

9. Jinnota li 94 % biss tar-redditu totali tal-baġit tal-UE jiġi investit fl-Istati Membri nnifishom jew fl-ambizzjonijiet esterni tal-Unjoni; jemmen li tnaqqis fil-baġit tal-UE x'aktarx li jista' jgħin it-tkabbir u s-saħħa kompetittiva tal-ekonomiji tal-Istati Membri;

Or. en

17.10.2012

A7-0313/43

Emenda 43

Marta Andreasen

f'isem il-Grupp EFD

Rapport

Reimer Böge, Ivailo Kalfin

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020

COM(2011)0398 – 2011/0177(APP)

A7-0313/2012

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

11. *Ifakkar li l-kisba tas-seba' inizjattivi emblematiċi tal-Istrateġija Ewropa 2020 se tirrikjedi ammont sostanzjali ta' investment orjentat lejn il-ġejjieni, bi stima ta' mhux inqas minn EUR 1 800 biljun sal-2020¹; jisħaq fuq il-fatt li wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020, jiġifieri l-promozzjoni tax-xogħol u impjegi ta' kwalità għolja għall-Ewropej kollha, jista' jinkiseb biss jekk l-investment meħtieġ fl-edukazzjoni, favur soċjetà msejsa fuq l-għarfien, u fir-riċerka u fl-innovazzjoni, fl-SMEs u fit-teknoloġiji ekoloġiċi u ġodda, filwaqt li tkun promossa l-inklużjoni soċjali, isir issa u ma jkomplix jiddewwem; favur li jiġi kkombinat approċċ fuq żewġ binarji ta' miżuri ta' konsolidament fiskali li jiffavorixxu t-tkabbir għat-tnaqqis tad-defiċit u d-dejn pubbliku bil-promozzjoni ta' tali investimenti;*

11. *Jinnota li t-tentattiv tal-implimentazzjoni tas-seba' inizjattivi emblematiċi tal-Istrateġija Ewropa 2020 jista' jirrikjedi ammont enormi ta' nfiq, bi stima ta' mhux inqas minn EUR 1 800 000, u probabbilment ma jkunx aktar effikaċi mill-Aġenda ta' Lisbona;*

Or. en

¹ (COM(2010) 0700)

17.10.2012

A7-0313/44

Emenda 44

Marta Andreasen

f'isem il-Grupp EFD

Rapport

Reimer Böge, Ivailo Kalfin

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020

COM(2011)0398 – 2011/0177(APP)

A7-0313/2012

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

16. Jisħaq fuq il-fatt li, mill-1988, il-baġits nazzjonali, bħala medja, kibru aktar malajr milli kiber il-baġit tal-UE; jinnota li, anke minn mindu bdiet il-kriżi fl-2008, l-infiq governattiv totali fl-Istati Membri kiber b'rata nominali annwali ta' 2 %; ***jislet il-konklużjoni li l-fatt li l-baġit tal-UE ċkien meta mqabbel mal-baġits nazzjonali jikkontradixxi b'mod flagranti l-estensjoni tal-kompetenzi u l-kompiti konferiti lill-Unjoni mit-Trattat u d-deċiżjonijiet politiċi importanti li ttieħdu mill-Kunsill Ewropew innifsu, partikolarment l-iżvilupp ta' governanza ekonomika Ewropea msaħħa;***

Emenda

16. Jisħaq fuq il-fatt li, mill-1988, il-baġits nazzjonali, bħala medja, kibru aktar malajr milli kiber il-baġit tal-UE; jinnota li, anke minn mindu bdiet il-kriżi fl-2008, l-infiq governattiv totali fl-Istati Membri kiber b'rata nominali annwali ta' 2 %; ***jinnota, madankollu li dan xorta jirrappreżenta żieda fil-baġit tal-UE;***

Or. en

17.10.2012

A7-0313/45

Emenda 45

Marta Andreasen

f'isem il-Grupp EFD

Rapport

Reimer Böge, Ivailo Kalfin

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020

COM(2011)0398 – 2011/0177(APP)

A7-0313/2012

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20. *Iwissi lill-Kunsill dwar kwalunkwe tentattiv li jitnaqqas ulterjorment il-livell tan-nefqa tal-UE kif propost mill-Kummissjoni; jopponi strettament, b'mod partikolari, kwalunkwe appell għal tnaqqis lineari u ġenerali li jista' jipperikola l-implimentazzjoni u l-effikaċja tal-politiki kollha tal-UE, irrispettivament mill-valur miżjud Ewropew, il-piż politiku jew il-prestazzjoni tagħhom; minflok jistieden lill-Kunsill, f'każ li dan jipproponi tnaqqis, jidentifika biċ-ċar u pubblikament liema mill-prijoritajiet politiċi jew mill-proġetti tiegħu għandhom jiġu abbandunati kompletament;*

20. *Jappoġġa bil-qawwa kwalunkwe tentattiv tal-Kunsill li jitnaqqas ulterjorment il-livell tan-nefqa tal-UE kif propost mill-Kummissjoni;*

Or. en

17.10.2012

A7-0313/46

Emenda 46

Marta Andreasen

f'isem il-Grupp EFD

Rapport

Reimer Böge, Ivailo Kalfin

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020

COM(2011)0398 – 2011/0177(APP)

A7-0313/2012

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

49. *Ma jaqbilx assolutament mal-applikazzjoni ta' tnaqqis lineari tal-persunal għall- istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha billi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom skont it-Trattati jvarjaw bil-kbir; jenfasizza li, sabiex l-istituzzjonijiet jiġu trattati b'mod individwali, id-deċiżjoni dwar fejn u liema tnaqqis jista' jiġi introdott għandha titħalla f'idejhom sabiex ma jkunx ostakolat il-funzjonament tajjeb tagħhom;*

49. *Jista' jilqa' l-applikazzjoni ta' tnaqqis lineari tal-persunal għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha bħala komponent wieħed tat-tnaqqis tal-baġit li għaddej bħalissa;*

Or. en